# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 19 ta' April, 2021**

**Numru 1**

**Rikors Numru 972/11 TA**

**Sandra Cini (ID 135384M)**

**vs**

**Anthony Saliba (ID 514243M)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Ġuramentat ta' Sandra Cini (l-Attriċi) preżentat fit-7 ta' Ottubru 2011 u maħluf mill-Attriċi fit-22 ta' Settembru 2011 li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

> "Illi hija bint l-intimat Anthony Saliba u l-mejta Mary Saliba li kellha l-karta ta' l-identita numru 728446M u li mietet fid-19 ta' Ġunju, 2005, l-Pieta, skond ċertifikat tal-mewt hawn anness u mmarkat Dok. SC1.
>
> Illi l-wirt tagħha ddevolva b'testment unica carta tat-8 ta' Ġunju, 2005, fl-atti tan-Nutar Pierre Cassar, li kopja tiegħu qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat Dok. SC2, fejn hija nnominat bħala eredi universali tagħha lill-intimat Anthony Saliba.

Illi bid-dikjarazzjoni *causa mortis* tas-6 ta' Ottubru, 2005, fl-atti tan-Nutar Pierre Cassar, li kopja tiegħu qegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok. SC3, ġew dikjarati l-assi immobbiljari tal-mejta Mary Saliba.

Illi l-immobbli tal-mejta Mary Saliba kienu jikkonsistu f'nofs indiviż tal-fond 40, Triq Preziosi, Lija u nofs indiviż taż-żewġ garaxxijiet bla numru u bla isem, 6 u 7 immarkati mhux uffiċjalment, fl-arja libera tagħhom, li jinsabu f'bitħa privata komuni, li tiżbokka fi Triq Marjanu Vella, Iklin, Lija, liberi u franki bid-drittijiet u l-pertinenzi tagħhom kollha.

Illi barra minn hekk, il-konjuġi Saliba kellhom diversi oġġetti mobbli konsistenti f'deheb, għamara, kif ukoll depożiti f'banek lokali u investimenti esteri, li kienu miżmuma minn Barclays Bank plc, Portsmouth u Guernsey, Global Capital Plc u MFSP Financial Services Limited.

Illi l-konjuġi Saliba kellhom żewġt itfal li llum huma maġġorenni ossia l-attriċi u oħtha, Jacqueline Saliba u l-attriċi trid titlob is-sehem riservat ossia l-leġittima spettanti lilha skont il-Liġi mill-wirt tal-mejta ommha Mary Saliba oltre l-imgħaxx legali mill-1 ta' Settembru, 2011 u dan a tenur ta' l-Artikolu 615(2) tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi a tenur ta' l-Artikolu 616 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, l-kreditu tal-valur tas-sehem riservat ta' l-attriċi kontra l-beni tal-mejta Mary Saliba, oltre l-imgħaxxijiet kif fuq imsemmija, jammonta għal sest indiviż tal-beni kollha ossia l-assi kollha tal-mejta Mary Saliba, kif ukoll donazzjonijiet illi saru lil oħtha Jacqueline MacKay Saliba illum Saliba.

Illi fl-assi jidħol dak kollu li minnu t-testatriċi Mary Saliba tat b'titolu gratuwitu lil Jacqueline MacKay Saliba illum Saliba ossia b'kuntratt tat-13 ta' Marzu, 1996, fl-atti tan-Nutar Pierre Cassar, li kopja tiegħu qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala Dok. SC4.

Illi l-valuri hemm indikati huma fittizji stante illi dan kien il-valur attribwit bejn il-konjuġi Saliba u Jacqueline MacKay Saliba llum Saliba, kien baxx ħafna u ma jirriflettix il-valur tas-suq, peress illi fl-istess soċjeta` CT Enterprises Limited, kellha *showroom* fi Triq Dun Karm, Birkirkara, oltre stock konsiderevoli.

Illi mill-*accounts* ta' l-istess soċjeta` li ġew ppreżentati lil Malta Financial Services Authority f'dik is-sena 1996 li saret id-donazzjoni ta' l-azzjonijiet kollha tas-soċjeta` CT Enterprises Limited, il-valur tal-istess soċjeta` kienet stmata b'Lm45,878 u mhux bil-valur kif indikat fil-kuntratt ta' donazzjoni fuq imsemmi (Dok. SC4) ta' Lm34,500.

Illi l-attriċi interpellat lill-intimat b'ittra uffiċjali tas-26 ta' Awwissu, 2011 biex jersaq għal-likwidazzjoni tas-sehem riservat ossia tal-leġittima lilha dovuta mill-eredita` tal-mejta ommha Mary Saliba pero` baqa' inadempjenti.

Jgħid l-intimat prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna u għar-raġunijiet premessi għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi fuq il-konsistenza tal-komunjoni ta’ l-akkwisti eżistenti bejn Anthony u Mary Saliba u fuq l-assi tal-mejta Mary Saliba.

2. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-attriċi hija ntitolata għas-sehem riservat ossia tal-leġittima dovuta lilha fuq l-eredita` tal-mejta ommha Mary Saliba.

3. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-assi ereditarji tal-mejta ommha Mary Saliba għandu jinqasam f’żewġ porzjonijiet b’dan illi l-attriċi għandha tieħu sesta parti indiviża mill-istess eredita` bħala sehemha tas-sehem riservita ossia l-leġittima konsistenti fi kreditu tal-valur tas-sehem riservat kontra l-beni tal-mejta Mary Saliba; waqt li l-konvenut għandu jieħu r-rimanenti mill-istess assi salv id-dritt riservat talvolta dovut lil Jacqueline Saliba.

4. Tillikwida s-sehem riservat dovut lill-attriċi bħala kreditu tal-valur tas-sehem riservat kontra l-beni ta’ Mary Saliba, oltre l-imgħaxxijiet legali mill-1 ta’ Settembru, 2011.

5. Tikkundanna lill-intimat biex iħallas is-sehem riservat dovut lill-attriċi bħala l-kreditu tal-valur tas-sehem kontra l-beni ta’ Mary Saliba, oltre l-imgħaxijiet legali mill-1 ta’ Settembru, 2011.

Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta’ l-ittra uffiċjali tas-26 ta’ Awwissu, 2011 u bl-inġunzjoni ta’ l-intimat in subizzjoni.”

Rat ir-risposta ġuramentata ta’ Anthony Saliba (l-konvenut) maħlufa u ppreżentata fit-8 ta’ Frar 2012 u li permezz tagħha eċċepixxa s-segwenti:-

“1. L-eccepjent ma jopponix it-talba tal-attrici biex tithallas is-sehem riservat dovut lilha skont il-ligi mill-wirt ta’ ommha Mary Saliba.

2. It-tieni talba attrici hija superfluwa u l-eccepjent m’ghandux ibati l-ispejjez taghha.

3. Anke l-ewwel talba hija superfluwa in kwantu l-attrici qed titlob ukoll dikjarazzjoni dwar il-komunjoni tal-akkwisti bejn il-mejta u l-eccepjenti. Din il-Qorti ghandha tillikwida l-assi ereditarju ta’ Mary Saliba biss, liema likwidazzjoni ghandha tinkludi wkoll il-passiv.

4. Mis-sehem rizervat dovut lill-attrici kif fuq inghad ghandu jitnaqqas dak kollu li l-istess attrici irceviet gratwitament minghand ommha matul hajitha kif ukoll dak li rceviet mill-assi taghha wara mewtha.

6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.”

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti;

Qrat ix-xhieda fil-kawża;

Rat il-verbal tal-udjenza tat-18 ta’ Jannar 2021 fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta’ fatti**

**1.** Din l-azzjoni hija waħda għal-likwidazzjoni u l-ħlas tas-sehem riżervat.

**2.** L-Attriċi hija waħda miż-żewġ ulied tal-Konvenut Anthony Saliba u martu Mary li ġiet nieqsa fid-19 ta’ Ġunju 2005 (ara ċertifikat tal-mewt a’ fol 5). B’testment unica charta datat 8 ta’ Ġunju 2005, martu Mary irregolat il-wirt tagħha billi innominat u istitwiet lir-raġel tagħha, l-Konvenut Anthony Saliba, bħala l-uniku werriet tal-ġid kollu tagħha. Dan filwaqt li ħalliet lill-ulieda, l-Attriċi Sandra u Jacqueline aħwa Saliba, is-sehem riżervat lilhom bil-liġi (ara t-tmien artikolu a’ fol 6).

**3.** L-Attriċi trid li jingħata lilha s-sehem riżervat imħolli lilha bil-liġi mill-wirt ta’ ommha. Hija għalhekk istitwiet din il-kawża fejn qed titlob sabiex il-konvenut missierha, qua l-uniku werriet ta’ ommha, jagħtiha dan is-sehem riżervat wara li l-istess jiġi likwidat.

**4.** Fl-eċċezzjonijiet mogħtija minnu l-Konvenut ma jopponix għal din it-talba iżda jinsisti li mis-sehem riżervat dovut lill-Attriċi għandu jitnaqqas dak kollu li l-istess Attriċi irċeviet gratwitament mingħand ommha matul ħajjitha kif ukoll dak li rċeviet mill-assi tagħha wara mewtha (ara r-raba' eċċezzjoni a' fol 18).

**Punti ta' Liġi**

**5.** Kif ġia ingħad, din l-azzjoni odjerna tirrigwarda l-jedd tas-sehem riżervat, qabel magħruf bħala l-leġittima, kif mogħti u regolat bl-artikoli 615 et seq tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**6.** Mary Saliba ġiet nieqsa fid-19 ta' Ġunju 2005, jiġifieri wara li kienu ġia daħlu fis-seħħ l-emendi fil-liġi tas-suċċessjoni bl-Att XVIII ta' l-2004. Għaldaqstant u ai termini tal-artikolu 116(2) tal-Att imsemmi, il-vertenza odjerna għandha titqies fl-isfond tad-dispożizzjonijiet kif emendati bl-imsemmi Att XVIII ta' l-2004.

**7.** Għal dak li huma prinċipji legali relatati ma' ħlas tas-sehem riżervat, il-Qorti tagħmel referenza għas-**Sentenza Christopher Brincat et vs Emanuela Caruana, mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim' Awla (per Imħallef Joseph R. Micallef) fis-27 ta' April 2017**. Din is-Sentenza timmerita li tkun citata *in extenso* għax tikkontjeni riassunt tal-principji kollha dwar is-*subiecta materia in lite*.

"*Illi l-liġi tqis is-sehem riżervat bħala jedd, fis-sura ta' kreditu tal-valur tas-sehem, fuq il-beni tal-mejjet riżervat mill-liġi favur l-ulied tal-mejjet. Il-werriet li lilu jmiss tali sehem irid jitolbu mingħand min ikun inħatar (jew aċċetta li jkun) werriet, u għandu l-jedd jistenna li l-ġid li minnu jingħata s-sehem riżervat tiegħu ikun għadu fl-istat kif kien jinsab fil-waqt tal-mewt tad-decuius (App. Ċiv. 10.6.1949 fil-kawża fl-ismijiet Farruġia noe et vs Mintoff noe et (Kollez. Vol: XXXIII.i.472)). Minħabba l-bidliet li ddaħħlu fil-liġi, ma għadux meħtieġ li tali sehem jingħata lill-benefiċjarju b'ġid tal-wirt in natura, jiġifieri li jkun magħmul minn fost il-ħwejjeġ mill-ġid tal-mejjet li jew jkunu għadhom jagħmlu parti mill-assi tiegħu mal-mewt, jew ikunu ddaħħlu lura fil-wirt jekk il-mejjet ikun matul ħajtu iddispona b'liberalita' minn iżjed minn dak li tagħtih il-liġi. Is-sehem riżervat jinħadem fuq il-wirt kollu (Caruana Galizia Notes on Civil Law –Law on Succession, paġ. 1021) (magħdud dak li t-testatur ikun ta b'xejn matul ħajtu wkoll bi ħsieb ta' żżwieġ (Art. 620(3) tal-Kap. 16)), wara li jitnaqqsu d-djun u l-ispejjeż tal-funeral (Art. 620(2) tal-Kap. 16) u dak il-ġid kollazzjonabbli li l-leġittimarju ikun ħa mingħand it-testatur (Art. 620(4) tal-Kap. 16), u tingħata fi proprjeta' sħiħa meħlusa minn kull piż jew kondizzjoni (Art. 620(1) tal-Kap. 16);*

*Illi dan is-sehem irid jinqasam daqsinsew bejn dawk kollha li jmisshom minnu (Art. 616(2) tal-Kap. 16). Dan ifisser li l-ulied kollha, inkluż dawk li tħallew barra jew inqatgħu mill-wirt, iridu jitqiesu biex wieħed jara kemm kien l-għadd ta' wlied li fuqu jinħadem is-sehem riżervat (Art. 618(1) tal-Kap. 16)*... ;

*Illi minbarra dan, qabel ma daħal fis-seħħ l-Att XV tal-2012, ma kienx hemm il-proviso għas-subartikolu (2) li hemm illum (li jagħti lill-Qorti diskrezzjoni dwar kemm għandha tkun ir-rata xierqa ta' mgħax li tinġema' mas-sehem riżervat likwidat jew jekk għandux jinġema' mgħax), u għaldaqstant id-dritt għall-imgħaxijiet bir-rata tat-tmienja fil-mija (8%) (Art. 1139 tal-Kap. 16) għandhom jiżdiedu mal-kreditu tal-valur tas-sehem riżervat mid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni, jekk tali sehem jintalab fi żmien sentejn minn dik id-data jew mid-data tan-notifika ta' att ġudizzjarju jekk it-talba ssir wara li jgħaddu s-sentejn. Fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha llum, mhux applikabbli d-diskrezzjoni tal-Qorti li tnaqqas jew 'taħfer' l-imgħax miġmugħ fuq is-sehem li jmisshom minnu l-atturi* [l-istess japplika għal każ in diżamina]...

*Illi fi kwestjoni li tolqot il-likwidazzjoni tas-sehem riżervat huwa ġudizzjarjament stabbilit li l-kriterju tal-valutazzjoni tal-ġid kellu jkun dak ta' kemm kien jiswa tali ġid fiż-żmien li ssir il-likwidazzjoni (P.A. JZM 29.2.2016 fil-kawża fl-ismijiet Raffaele Vella vs Salvino Vella et (mhix appellata)). Dan jgħodd kemm jekk is-sehem riżervat jingħata f'ġid mill-wirt u kif ukoll jekk jitħallas fi flus għaliex, "jekk il-leġittima ma ġietx sodisfatta u, trattandosi ta' beni in natura (mhux flus), ikkonvertiet ruħha, fil-każijiet fejn dan hu konsentit mil-liġi, fi dritt ta' kreditu fi flus, id-dritt tal-leġittimarju għandu bħala oġġett "un bene reale" u l-"aestimatio rei" għandha tkun riferita għaż-żmien tal-konverżjoni, cioe` ż-żmien l-iktar qrib possibbli għall-pronunzja*

*ġudizzjali u tenut kont għalhekk ta' xi sopravenuta svalutazzjoni monetarja" (App. Ċiv. 10.12.1973 fil-kawża fl-ismijiet Conċetta Vella et vs Giuseppe Buġeja et (mhix pubblikata));*

*Illi tali fehma tibqa' sseħħ ukoll jekk kemm-il darba l-jedd tas-sehem riżervat ma jkunx ġie soddisfatt bla ħtija tal-parti li għandha jedd għalih u jkun inbidel fi dritt ta' kreditu li jitħallas fi flus bħala "aestimatio rei" (App. Ċiv. 14.12.1973 fil-kawża fl-ismijiet Emilia Mifsud et vs Eleonora Mizzi noe et (mhix pubblikata)). F'dak il-każ, il-valur għandu jkun iqarreb il-valur tal-ġid fiż-żmien tal-likwidazzjoni tas-sehem riżervat (App. Ċiv. 28.1.2005 fil-kawża fl-ismijiet Mary Anne Żammit et vs Antonia Ellul et). Dawn il-kriterji kollha jfissru li, fl-eżerċizzju tal-likwidazzjoni tal-assi ereditarju għall-finijiet li jiġi stabbilit is-sehem riżervat, wieħed ma jistax iqis il-potenzjal jew il-possibilitajiet ta' dak il-ġid fil-ġejjieni (ikun kemm ikun probabbli li jiżdied il-valur tiegħu). Bl-istess mod lanqas ma jista' jitqies l-iżvalutar illi xi investiment seta' ġarrab minn wara l-mewt tat-testatur. Dan joħroġ ukoll mill-fatt li l-jedd għas-sehem riżervat jitnissel mal-ftuħ tas-suċċessjoni u huwa marbut sfiq ma' dik il-ġrajja fil-qafas taż-żmien li tkun seħħet;*

*Illi dan il-kriterju iżda jinbidel meta ssir aljenazzjoni mill-werrieta ta' parti mill-wirt wara l-ftuħ tiegħu u waqt li jkun għaddej is-smigħ tal-kawża. F'dik iċ-ċirkustanza, il-valur tal-ġid hekk trasferit għandu jitqies bħala dak taż-żmien l-iktar qrib possibbli għall-pronunzja ġudizzjali (App. Ċiv. 14.12.1973*

*fil-kawza fl-ismijiet Emilia Mifsud et vs Eleonora Mizzi noe et (mhix pubblikata));*"

**8.** Irid ukoll jingħad li li l-konvenut permezz tal-ewwel risposta tiegħu ma hux jopponi li l-Attriċi tirċievi ossia titħallas is-sehem riservat spettanti lilha skont il-liġi (a' fol 8). Għalhekk dan ifisser li ma hemmx kontestazzjoni dwar dan. Il-Kawża di fatti hija biss dwar il-likwidazzjoni ta' dan is-sehem fid-dawl tal-bqija tar-risposti tal-konvenut.

**Konsiderazzjonijiet**

**9.** Illi fid-dawl tal-prinċipji fuq enunċjati, is-sehem riżervat li l-attriċi jistħoqqilha tirċievi trid tinħadem fuq il-valur tal-beni ta' ommha fil-kundizzjoni li kienu jinstabu fiha mal-ftuħ tal-wirt tagħha, ossia fid-19 ta' Ġunju 2005.

**10.** Fl-eżerċizzju biex tistabbilixxi dan, il-Qorti trid tqis, anke in virtù ta' dak mitlub minnha fit-tielet talba attriċi, l-valur tal-beni formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti bejn il-konjuġi Saliba xolta bil-mewt ta' Mary Saliba u taqsamhom f'żewġ porzjonijiet indaqs li waħda minnhom tiġi assenjata lill-assi tad-defunta Maria Saliba (artikolu 1333 tal-Kap. 16). Dan għaliex mill-atti ma jirriżultax li bejn il-konjuġi Saliba kien hemm xi kitba permezz ta' liema eskludew il-komunjoni tal-akkwisti. Għaldaqstant kienet tapplika bejniethom il-komunjoni ai termini tal-artikolu 1316(2) tal-Kodici Ċivili.

**11.** L-ereditá partikolari ta' Mary Saliba li ġiet nieqsa fid-19 ta' Ġunju 2005, tinkludi s-segwenti assi kemm immobiljari u mobiljari:

Il-valur tal-beni fi proprjetá immobiljari

**12.** Joħroġ mid-dikjarazzjoni causa mortis datata 6 ta' Ottubru 2005 (a' fol 8) li fil-waqt ta' mewtha, d-decujus Mary Saliba, omm l-attriċi, kienet tipposjedi s-segwenti żewġ proprjetajiet immobiljari:

Nofs indiviż tal-fond urban numru erbgħin (40), Preziosi Street, Ħal Lija.

Nofs indiviż ta' żewġ garaxxijiet bla numri u bla isem, markati mhux uffiċjalment bin-numri (6) u sebgħa (7), bl-arja libera tagħhom.

**13.** Rigward dawn iż-żewġ proprjetajiet, il-konvenut irid li s-sehem riżervat jiġi likwidat skont il-valur indikat fid-dikjarazzjoni causa mortis minflok dak mogħti mil-Perit maħtur mil-Qorti fir-rapport preżentat minnu fit-2 ta' Lulju 2014 (ara fol 390 u 391). Dan għal raġuni li l-perit in kwistjoni stima dawn il-proprjetajiet bil-valur preżenti tas-suq u mhux skont il-valur tagħhom fil-jum tal-ftuħ tas-suċċessjoni ta' Mary Saliba (ara nota a' fol 408).

**14.** Jirriżulta li l-Perit fil-fatt esorbita min dak li ġie appożitament maħtur biex jagħmel min din il-Qorti diverżament presjeduta, ossia li jħejji stima ta' dawn il-proprjetajiet kif kienu fis-sena 2005 (ara verbal u ħatra a' fol 375). Minflok għamel stima, fi kliem il-perit stess, skont il-"*valur preżenti*". Dan ir-rapport sar preċiżament fis-sena 2014, ossia disa' snin wara l-ftuħ tas-suċċessjoni tad-decujus Mary Saliba. Peress li ħadd mill-partijiet ma

ddeċieda jeskuti lill-perit, dan in-nuqqas għadda inosservat sakemm ġie hekk sollevat mill-intimat fin-nota ta sottomissjonijiet.

**15.** Il-Qorti b'hekk sfat sprovvista minn valutazzjoni teknika tal-imsemmija proprjetajiet fi żmien meta nfetħet is-suċċessjoni t'omm l-attriċi. L-unika valutazzjoni ta' dawn il-proprjetajiet għaż-żmien rilevanti, kif indikata fl-atti, hija dik imsemmija fid-Dikjarazzjoni Causa Mortis tagħha. Tali dikjarazzjoni unilaterali saret mill-Konvenut għall-skopijiet ta' ħlas ta' taxxa fuq is-suċċessjoni skont id-dispost tal-artikolu 33 tal-Kap. 364 (ara fol 8). Din il-valutazzjoni iżda ma saritx minn perit tekniku imma mill-Konvenut innifsu 'bonarjament', qua l-uniku werriet ta' martu. Din il-valutazzjoni hija wisq baxxa biex tista' titqies reali u ġusta ai fini ta' kalkolu tas-sehem riżervat dovut lill-attriċi. Din hija wkoll kontestata mill-Attriċi bħala żbaljata u maħsub biss biex titnaqqas il-valur riżervat spettanti liha bil-liġi (ara affidavit attriċi a fol 32). Il-Qorti tosserva li hija prattika konstanti u magħrufa li l-valutazzjoni mogħtija fid-dikjarazzjonijiet kawza mortis ma jkunux fis-sewwa jirriflettu l-veru valur tal-oġġett fis-suq fil-mument tal-mewt ta' dak li jkun. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti ma tistax tikkunsidra tali valutazzjoni għal għanijiet tal-kalkolu tas-sehem riżervat favur l-Attriċi.

**16.** Dan ma jfissirx, li ghaliex fl-atti ma hemmx valutazzjoni ta' kemm rejalment kienet tiswa fis-suq il-porpjeta' immobbiljari fil-mument tal-mewt, għandha għalhekk iċċaħħad lill-Attriċi milli tieħu sehmha jew minflok tagħtiha dak li jirrisulta mill-*causa mortis* meta dan l-aħħar valur ikun

jirrisulta manifestament inġust. Mhux kull mankanza ta' provi bil-fors twassal għall-konkluzjoni li provi ma sarux, meta b'informazzjoni li tkun fid-dominju pubbliku u tkun pubblikazzjoni bħal dik tal-Bank Ċentrali, xorta waħda tista' tiggwida lil din il-Qorti biex tasal għall-konklużjonijiet tagħha. Sabiex jitwettaq is-sewwa u ssir ġustizzja, il-Qorti dejjem għandha l-poter residwali li tieħu konjizzjoni ġudizzjarja ta' informazzjoni u data bħal dik imsemmija aktar 'l fuq. Dan ukoll huwa konsonanti mal-principju *"manifesta non indigent probationem".*

**17.** Il-Qorti, għalhekk f'tentattiv biex tagħmel tajjeb għan-nuqqas tal-perit tekniku u fl-istess ħin taċċerta li ssir ġustizzja, kellha timbarka f'riċerka teknika sabiex tasal għal-valur tal-proprjetajiet fis-sena 2005 mill-valuri mogħtija mill-perit tekniku fis-sena 2014.

**18.** Joħroġ minn din ir-riċerka li f'artiklu pubblikat fir-rapport annwali tas-sena 2016 (paġni 53-60) intitolat "*An Assessment of the Maltese Housing Market*", il-Bank Ċentrali ta' Malta għamel is-segwenti evalwazzjonijiet:

"*...Between 2002 and 2005, house prices rose at an even faster pace, averaging growth of 13.0% per annum. ...*

*After an extended period of strong, largely uninterrupted growth, house prices entered a phase of anaemic growth, which lasted from 2006 to 2013. Over this span, house prices only registered marginal growth that averaged 0.2% per annum, with prices falling in 2008 and 2009. ....*

*<u>In 2014</u> and 2015, <u>house prices increased considerably, by</u> <u>7.0%</u> and 6.3% <u>per annum</u>, respectively.*" (sottolinear ta' din il-Qorti).

**19.** Għaldaqstant din il-Qorti sejra tnaqqas il-valuri preżenti mogħtija mill-perit tekniku fis-sena 2014 skont il-persentaġġi hekk evalwati mill-Bank Ċentrali ta' Malta. Dan sakemm tasal għall-valur tal-proprjetajiet għas-sena rilevanti, jiġifieri dik tal-2005.

<u>Il-fond bin-numru 40, Triq Preziosi, Ħal Lija</u> ġie fis-sena 2014 valutat fl-ammont ta' €220,000 (ara rapport a' fol 390). Minn dan l-ammont għalhekk se jitnaqqas 7% sabiex jirrifletti l-valur kif kien fis-sena 2013. Minn dak l-ammont umbagħad se jerġa jitnaqqas 0.2% għal kull sena mit-2013 sat-2005 li hija s-sena rilevanti li fiha mietet Mary Saliba:-

€220,000 – 7% = €204,600 (valur sena 2013)

€206,140 – 0.2% = €204,190.8 (valur sena 2012)

€204,190.8 – 0.2% = €203,782.42 (valur sena 2011)

€€203,782.42 – 0.2% = €203,374.85 (valur sena 2010)

€€203,374.85 – 0.2% = €202,968.10 (valur sena 2009)

€202,968.10 – 0.2% = €202,562.17 (valur sena 2008)

€202,562.17 – 0.2% = €202,157.04 (valur sena 2007)

€202,157.04 – 0.2% = €201,752.73 (valur sena 2006)

€201,752.73 – 0.2% = €201,349.22 (valur sena 2005)

Billi s-sehem ta' din il-proprjetá assenjata lill-assi tad-defunta Saliba huwa n-nofs, il-valur li għandu jitqies ai fini tal-kalkolu tas-sehem riżervat dovut lill-attriċi huwa ta' €100,674.61.

Iż-żewġ garaxxijiet ġew fis-sena 2014 valutati fl-ammont ta' €36,000 (ara rapport a' fol 391). Applikat l-istess metodu, il-valur tagħhom għas-sena 2005 huwa kalkolat kif ġej:

€36,000 – 7% = €33,480 (valur sena 2013)

€33,480 – 0.2% = €33,413.04 (valur sena 2012)

€33,413.04 – 0.2% = €33,436.21 (valur sena 2011)

€33,436.21 – 0.2% = €33,279.52 (valur sena 2010)

€33,279.52 – 0.2% = €33,212.96 (valur sena 2009)

€33,212.96 – 0.2% = €33,146.53 (valur sena 2008)

€33,146.53 – 0.2% = €33,080.24 (valur sena 2007)

€33,080.24 – 0.2% = €33,014.08 (valur sena 2006)

€33,014.08 – 0.2% = €32,948.05 (valur sena 2005)

**20.** Billi s-sehem ta' din il-proprjetá assenjata lill-assi tad-defunta Saliba huwa n-nofs, il-valur li għandu jitqies ai fini tal-kalkolu tas-sehem riżervat dovut lill-attriċi huwa ta' €16,474.025.

**21.** Magħdudin flimkien, il-valur tal-assi immobiljari ta' Mary Saliba dakinhar ta' mewtha jammontaw għal **€117,148.635**.

<u>Il-valur tal-beni fi proprjetá mobiljari</u>

**22.** Jirriżulta mill-atti li f'Ġunju 2005, jiġifieri fix-xahar li fih mietet Mary Saliba, kien hemm attivi s-segwenti kontijiet bankarji:

Kont ta' tfaddil mal-HSBC bin-numru 016-069148-050 f'isem il-Konvenut u martu d-decuius Mary Saliba fl-ammont ta' LM2.81 ekwivalenti għal €6.55 (Dok AG4 a' fol 146). Billi s-sehem assenjat lid-defunta minn dan il-kont huwa n-nofs, l-ammont li jrid jitqies għall-kalkolu tas-sehem riżervat huwa ta' <u>€3.28</u>.

Kont ta' tfaddil mal-APS bin-numru 1140211001-2 f'isem il-konvenut fl-ammount ta' LM9.84 ekwivalenti għal €22.92 (Dok DG5 a' fol 212). Billi s-sehem assenjat lid-defunta minn dan il-kont huwa n-nofs, l-ammont li jrid jitqies għal-kalkolu tas-sehem riżervat huwa ta' <u>€11.46</u>.

Kont kurrenti mal-APS bin-numru 2000000064-2 f'isem il-konvenut fl-ammont ta' LM14.33 ekwivalenti għal €33.38 (Dok DG 7 a' fol 214). Billi s-sehem assenjat lid-defunta minn dan il-kont huwa n-nofs, l-ammont li jrid jitqies għal-kalkolu tas-sehem riżervat huwa ta' <u>€16.69</u>.

Kont tat-tfaddil mal-Bank of Valletta p.l.c. bin-numru 134-1447702-5 f'isem il-Konvenut u martu konjuġi Saliba fl-ammont ta' LM141.66 ekwivalenti għal €329.97 (Dok Dok RA2 a' fol 247). Billi s-sehem assenjat lid-defunta min dan il-kont huwa n-nofs, l-ammont li jrid jitqies għal-kalkolu tas-sehem riżervat huwa ta' <u>€164.99</u>.

Kont tat-tfaddil mal-Bank of Valletta p.l.c. bin-numru 40013089722 f'isem il-Konvenut Anthony Saliba fl-ammont ta' LM90.18 ekwivalenti għal €90.18. Billi s-sehem assenjat lid-defunta min dan il-kont huwa n-nofs, l-ammont li jrid jitqies għal-kalkolu tas-sehem riżervat huwa ta' €45.09

Fix-xahar ta' Ġunju 2005 kien hemm ukoll dawn l-investimenti mal-Global Funds SICAV plc kif ġej:

fond bl-isem Lloyds TSB Offshore Funds – High Income fejn fis-27 ta' Mejju 2004 nxtraw mil-Konvenut, martu d-decuius u oħt l-attriċi 10,212.2300 units fl-ammont ta' GBP 10,490. Dawn inbiegħu biss xahrejn wara li mietet omm l-attriċi fl-ammont ta' GBP10,569.66 (ara Dok GC2 a' fol 226 u 227). Għaldaqstant fil-jum tal-ftuħ tas-suċċessjoni ta' Mary Saliba, dawn il-units jitqiesu li kienu jiswew l-ammont li bih dawn inbiegħu biss xahrejn wara, jiġifieri GBP10,569.66 li dak iż-żmien kienu ekwivalenti għal €15,648.38 (Exchange Rates 1.6.2005 - Exchange List | ExchangeRate-Euro.com (exchangerate-euro.com)). Is-sehem assenjat lid-decujus minn dan il-kont huwa terz billi l-istess huwa wkoll f'isem bint il-konjugi Saliba. Għaldaqstant l-ammont li jrid jitqies ai fini ta' kalkolu tas-sehem riżervat huwa ta' €5,216.13.

kont mal-Aberdeen International – High Yield Bond Fund fejn il-konvenut u martu konjuġi Saliba xtraw is-segwenti units fid-dati li ġejjin:

28 ta' Marzu 2001: 47,670.4754 units fl-ammont ta' GBP 60,581.23 (Dok GC 4 a' fol 231)

17 ta' Jannar 2002: 1453.0777 units fl-ammont ta' GBP 1,500 (Dok GC 4 a' fol 232)

12 ta' Ġunju 2003: 4,852.4060 units fl-ammont ta' GBP 5,000 (Dok GC 4 a' fol 233)

B'kollox għalhekk ġew akkwistati 53,975.9591 units fl-ammont ta' GBP67,081.23. Iżda fit-12 ta' Novembru 2003 inbiegħu 1,657.6251 minn dawn il-units fl-ammont ta' GBP 1,650.

Isegwi li fid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni kien hemm f'isem id-decujus u r-raġel tagħha 52,318.334 units fl-ammont ta' GBP 65,431.23 li dak iż-żmien kienu ekwivalenti għal €96,870.94 (Exchange Rates 1.6.2005 - Exchange List | ExchangeRate-Euro.com (exchangerate-euro.com)).

**23.** Billi s-sehem assenjat lid-defunta minn dan il-kont huwa n-nofs, l-ammont li jrid jitqies għal-kalkolu tas-sehem riżervat huwa ta' €48,435.47.

**24.** Magħdudin flimkien, il-valur ta' dawn l-assi mobiljari ta' Mary Saliba dak inhar ta' mewtha jammonta għal **€53,893.11**.

**25.** Isegwi li l-valur tal-beni kollha, kemm mobiljari u immobiljari fi żmien tal-apertura tas-suċċessjoni, jammonta għal **€171,041.745** (€117,148.635 + €53,893.11).

**26.** Għall-fini tas-sub-inciz (2) tal-artikolu 620 tal-Kap. 16, minn dan l-ammont għandhom jitnaqqsu d-djun tal-assi u l-ispejjeż tal-funeral. Mill-atti ma hemm xejn x'jindika li kien hemm xi spejjeż tal-funeral. Min-naħa l-oħra jirriżulta mill-atti li fiż-żmien tal-mewt ta' Mary Saliba kien hemm kont ta' self mal-APS bin-numru 1140213201-8 f'isem il-konvenut u martu d-decuius Mary Saliba b'dejn fl-ammont ta' €2,882.52 (Dok DG8 a' fol 217 faċċata 2). Billi s-sehem assenjat lid-defunta min dan id-dejn huwa n-nofs, l-ammont li jrid jitqies għal-kalkolu tas-sehem riżervat huwa ta' <u>€1,441.26</u>.

**27.** Għaldaqstant, il-valur tal-beni kollha fi żmien tal-apertura tas-suċċessjoni, jammonta għal **<u>€169,600.485</u>** (€171,041.745 - €1,441.26).

**28.** A tenur tal-artikolu 620(3) Kap. 16, ma dan is-sehem relictum irid jiżdied ukoll dak donatum. Jirriżulta mill-atti li permezz ta' att datat 13 ta' Marzu 1996 (a' fol 9), id-defunta Mary Saliba kienet, flimkien ma żewgha l-konvenut, assenjat b'titolu ta' donazzjoni a' favur oħt l-attriċi Jacqueline Saliba "*elf erba' mija disgħa u disgħin share fil-kumpanija C T Enterprises Limited*".

**29.** Fl-affidavit tagħha, Jacqueline Saliba tispjega li b'dak l-att ta' donazzjoni hija rċeviet "*l-oqsma kollha fis-soċjetá CT Enterprises Limited, flimkien ma l-istock, il-merkanzija, ix-showroom imdaqqsa li tinsab f'Birkirkara Bypass, u kull ħaġa oħra pertinenti ma l-istess negozju. Illi jiena*

*irċevejt ma dawn l-oqsma kemm l-assi kif ukoll id-djun li kien hemm pertinenti ma l-istess soċjetá.*" ( ara a' fol 28 para 3).

**30.** Fl-att tad-donazzjoni in kwistjoni, il-valur ta' dan kollu ġie "*bonarjament attribwit mill-partijiet*" fl-ammont ta' LM34,500. L-Attriċi tikkontesta dan l-ammont bħala fittizju, baxx ħafna u ma jirriflettix il-valur tas-suq (ara premessa 9 a' fol 2). Hija tinsisti li meta ċċekjat l-accounts tal-kumpanija tas-sena 1997 indunat li l-assi kellhom valur ta' LM45,878 (ara affidavit a' fol 33 para 8 u premessa 10 a' fol 2).

**31.** Mill-accounts tas-Soċjetá in kwistjoni preżentati mill-attriċi stess, jirriżulta li dan l-ammont ta' LM45,878 huwa fil-fatt il-valur attribwit lill-i*stocks* (li jifforma parti mill-*current assets*) għas-sena 1996 indikat fil-prospett finanzjarju għas-sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru 1997 (a' fol 474). L-Attriċi iżda ma hiex tqis id-dejn indikat fil-paġna sussegwenti. Dan id-dejn jinkludi dak għaż-żmien qasir (*short-term*) u dak għaż-żmien twil (*long-term*), jiġifieri *current* u *non-current liabilities*.

**32.** Skont il-karta tal-bilanċ (*balance sheet*), meta mill-assi fissi u attwali (*fixed and current assets*) tnaqqas id-dejn għaż-żmien qasir (*current liabilities*), rriżulta li l-assi tas-soċjetá fis-sena 1996 kienu jammontaw għal LM36,547 (a' fol 473). Minn dan l-ammont reġa tnaqqas id-dejn għaż-żmien twil li wassal għal valur ta' assi netti fl-ammont ta' Lm11,135. Il-Qorti iżda tqis li, ladarba dan id-dejn ma kienx dovut fis-sena 1996, m'għandux jidħol fil-kalkolu ta' kemm kienu jiswew l-assi tas-soċjetá fis-sena li din ġiet

assenjata f'idejn oħt l-Attriċi mill-ġenituri tagħha konjuġi Saliba. Isegwi għalhekk li l-valur tal-assi tas-soċjetá CT Enterprises fis-sena 1996, skont l-*accounts* tal-istess prodotti mill-attriċi, kienu ta' LM36,547 ekwivalenti għal €85,131.61. Dan l-ammont jikkontradixxi dak ta' LM34,500 dikjarat fl-att ta' donazzjoni. Għaldaqstant l-istess ma jistax jitqies ammissibli ai termini tal-artikolu 629(ċ) tal-Kap. 12.

**33.** Is-sehem donatum tad-decujus Mary Saliba minn dan l-ammont ta' €85,131.61 jikkonsisti fin-nofs tal-istess, jiġifieri €42,565.80. Meta dan l-ammont jiżdied mal-valur tal-beni kollha fi żmien tal-apertura tas-suċċessjoni fl-ammont ta' €169,600.485, joħroġ li l-valur fi flus tal-beni ta' omm l-attriċi ai fini biex jiġi kalkolat is-sehem riżervat dovut lilha huwa ta' **€212,166.290**.

**34.** Rigward ir-rapport tal-perit tekniku mqabbad mill-Qorti diverżament presjeduta fuq talba tal-Attriċi, li fiha ġie stmat il-valur attwali tax-showroom li kienet tappartjeni lis-soċjetá CT Enterprises Ltd (a' fol 530), il-Qorti tagħraf li l-istess ma jitfa' l-ebda dawl fuq il-valur tad-donazzjoni in kwistjoni. Dan għal raġunijiet imsemmija mill-Konvenut stess fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu ( a' fol 411). Il-Qorti tqis għalhekk li l-ispejjeż ta' dan ir-rapport għandhom ikunu akkollati fuq l-Attriċi.

**35.** In virtù tal-artikolu 616(1) tal-Kodici Ċivili, is-sehem riżervat dovut lill-Attriċi u lill-oħtha, ladarba huma inqas minn erbgħa ulied, għandu jkun ta' terz (1/3) tal-ġid ereditarju ta' ommhom Mary Saliba. Skont is-sub-inċiz 2

tal-istess artikolu, dan is-sehem riżervat irid jinqasam f'ishma daqsinsew bejn it-tfal li jmisshom minnu. Dan ifisser li sehem l-attriċi jrid ikun ta' parti minn sitta (1/6) tal-ġid li jirriżulta li ommha kellha dak inhar li mietet.

**36.** Isegwi li l-Attriċi jistħoqqilha tieħu mill-imsemmi wirt b'kemm jiswa €35,361.05 f'ġid li kellha ommha fil-waqt ta' mewtha.

**37.** Minn dan l-ammont iżda għandu jitnaqqas il-ġid kollezzjonabli li l-Attriċi ħadet mingħand ommha ai termini tal-artikolu 620(4) tal-kap. 16. Fl-affidavit tiegħu l-Konvenut jinsisti li l-attriċi kienet għamlet għaxar snin tipperċepixxi l-kera tal-garaxxijiet fl-ammont ta' €1,100 fis-sena. Huwa jgħid ukoll li l-Attriċi kienet ingħatat mingħandu l-flus li huwa daħħal mill-bejgħ ta' dgħajsa tiegħu fl-ammont ta' LM500 ekwivalenti għal €1,165 (ara affidavit a' fol 316 para 4 u 5).

**38.** Mill-kontro-eżami tal-Attriċi joħroġ li sakemm mietet ommha, l-Attriċi fil-fatt kienet ilha erba' snin tipperċepixxi din il-kera tal-garaxxijiet (a' fol 286). Mill-valur tal-beni għandu għaldaqstant jitnaqqas in-nofs ta' erba' snin kera perċepita mill-Attriċi. Dan jammonta għal €2,200. Tali ammont jirrappreżenta s-sehem ta' omm l-attriċi minn din il-kera.

**39.** Rigward il-bejgħ tad-dgħajsa, baqa' mhux magħruf mill-atti jekk dan seħħx qabel jew wara mewt Mary Saliba. Il-Qorti tikkonsidra li, ladarba din is-sottomissjoni ma ġietx kontestata mill-Attriċi, dan il-bejgħ għandu jitqies li sar fiż-żmien meta Mary Saliba kienet għadha ħajja. Għalhekk mill-valur

tal-beni għandu jitnaqqas l-ammont ta' €582.5 li huwa s-sehem ta' Mary Saliba minn din id-dgħajsa.

**40.** Isegwi li l-ammont dovut bħala kreditu tal-valur tas-sehem riżervat li l-attriċi Sandra Cini jistħoqqilha tieħu mill-wirt ta' ommha, ai fini tar-raba u l-ħames talba, huwa ta' **<u>€32,578.55</u>** (€35,361.05 - €2,200 - €582.5).

**41.** Dwar l-imgħax fil-każ għall-jedd tal-porzjoni riservata, il-liġi f'artikolu 615(2) tal-Kodiċi Ċivili tipprovdi b'mod speċjali. Di fatti dawn il-Qrati jgħallmu li l-prinċipju stabbilit minn din il-parti tal-liġi huwa eċċezzjoni ex-lege għall-prinċipju ġenerali *illiquidis non fit mora* (ara **Sentenza tal-Prim Awla tat-3 ta` Diċembru 2012 fl-ismijiet Maria Ellul -vs- Joseph Axiaq, mhux appellata per Imħallef Lino Farrugia Sacco**).

**42.** Dan is-subartikolu jiddisponi hekk:

"*L-imsemmi jedd huwa kreditu tal-valur tas-sehem riżervat kontra l-beni tal-mejjet. Mgħaxijiet bir-rata stabbilita fl-artikolu 1139 għandhom jiġu miżjuda ma' dak il-kreditu mid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni jekk is-sehem riżervat jintalab fi żmien sentejn minn dik id-data, jew mid-data tan-notifika ta' att ġudizzjarju jekk it-talba ssir wara li jkun għadda dak il-perjodu ta' sentejn:*

*Iżda l-Qorti tista', fejn iċ-ċirkostanzi tal-każ hekk jeħtieġu,tiddeċiedi li ma jingħatax imgħax jew tistabbilixxi rata ta' imgħax litista' tkun inqas minn dik stipulata fl-artikolu 1139".*

**43.** Il-Qorti eżaminat b'reqqa l-atti kollha tal-kawża. Għalkemm fil-lista tad-dokumenti l-Attriċi tindika li qed tesebixxi ittra uffiċjali mmarkata bħala SC5 tas-26 ta' Awwissu 2011, fil-fatt din ma ġietx esebita. Il-Qorti fliet il-proċess u ma sabet ebda ittra f'dan is-sens.

**44.** Fid-dawl ta' dan kollu dan ifisser li meta l-azzjoni tinbeda fi żmien sentejn mill-ftuħ tas-suċċessjoni jew jekk jintbagħat att ġudizzjarju f'dak iż-żmien, l-imgħaxijiet jirrisalu sa dakinahr tal-ftuħ tas-suċċessjoni. F'dan il-każ Mary Saliba mieter fid-19 ta' Ġunju 2005 mentri l-att ġudizzjarju li bdiet il-kawża sar fis-7 ta' Ottubru 2011.

**45.** L-imgħaxijiet li qed titlob l-Attriċi huma b'effett mill-1 ta' Settembru 2011. B'dana kollu din il-Qorti tinnota li dawn l-imgħaxijiet għandhom ikunu dovuti b'effett minn meta jkun ġie notifikat l-att ġudizzjarju li f'dan il-każ hija l-kawża odjerna. Jemerġi mill-atti li l-konvenut ġie uffiċjalment notifikat meta ppresenta r-risposta tiegħu fit-8 ta' Frar 2012 stante li qabel kull tentattiv ta' notifika kien mingħajr suċċess. Għalhekk il-Qorti qed tieħu bħala *punto temporis* ghad-dekorrenza tal-imgħaxijiet it-8 ta' Frar, 2012. Għalhekk huwa minn din id-data li għandhom jiddekorru l-imgħaxijiet u mhux minn dik mitluba mill-Attriċi. Fl-aħħar nett il-Qorti tirrileva li għalkemm l-imsemmi artikolu tal-liġi jagħtiha d-diskrezzjoni li tistabilixxi imgħaxijiet

inqas minn dawk tar-rata legali skont il-liġi tħoss li fiċ-ċirkostanzi l-imgħaxijiet għandhom ikunu dawk l-ogħla stabbiliti mil-liġi u cioe ta' 8%.

**Decide**

Għaldaqstant u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qiegħdha taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi;

**Tilqa'** l-ewwel talba attriċi u tiddikjara u tiddeċiedi fuq il-konsistenza tal-komunjoni ta' l-akkwisti eżistenti bejn Anthony u Mary Saliba u fuq l-assi tal-mejta Mary Saliba bil-mod ġia espost iktar il-fuq f'din is-sentenza.

**Tilqa**' t-tieni talba attriċi u tiddikjara u tiddeċiedi illi l-attriċi hija ntitolata għas-sehem riżervat ossia tal-leġittima dovuta lilha fuq l-ereditá tal-mejta ommha Mary Saliba.

**Tilqa'** t-tielet talba Attriċi u tillikwida l-assi ereditarji tal-mejta ommha Mary Saliba bil-mod ġia espost iktar 'il fuq f'din is-sentenza.

**Tilqa'** r-raba' talba Attriċi u tillikwida s-sehem riżervat dovut lill-attriċi bħala kreditu tal-valur tas-sehem rizervat kontra l-beni ta' Mary Saliba fl-ammont ta' **€32,578.55**, oltre l-imgħaxijiet legali mit-8 ta' Frar 2012.

**Tilqa'** l-ħames talba attriċi u tikkundanna lill-intimat biex iħallas is-sehem riżervat dovut lill-Attriċi bħala l-kreditu tal-valur tas-sehem riżervat kontra l-

beni ta' Mary Saliba kif likwidat, oltre' l-imgħaxxijiet legali mit-8 ta' Frar 2012 sal-pagament effettiv.

Tordna li l-ispejjeż kollha tal-kawża, ħlief dawk tar-rapport peritali (a' fol 540), jitħallsu mill-Konvenut Anthony Saliba.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**